Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, l-10 ta' Dicembru 2024**

**Distrett Zurrieq**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Trevor Micallef)**

**Versus**

**Terence Farrugia**
**(393196M)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Terence Farrugia** u detentur tal-karta tal-identita' numru 393196M.

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fil-21 ta' Lulju 2020 ghall-habta tas-siegha ta' filghodu (1:00a.m.) fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, fi Triq Valletta, Imqabba u f'toroq ohra gewwa l-Imqabba u/jew fil-vicinanzi :-

1. Attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb kontra persuni inkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skont il-ligi mill-awtorita' kompetenti;

2. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi hedded jew ghamel offiza fuq il-persuni nkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qeghdin jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzahom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

3. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ikkommetta ferita ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' PC 1212 Kurt Farrugia u PC 168 Jonathan Roy Sterry.

4. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi saq vettura tal-ghamla Opel b'numru ta' registrazzjoni IBG 581 b'mod : a) perikoluz, b) traskurat u c) bla kont u dan ai termini tal-Artikolu 15(1)(a), (2)(3) Kap 65;

5. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi saq vettura tal-ghamla Opel b'numru ta' registrazzjoni IBG 581 b'manjiera eccessiva u dan ai termini tal-artikolu 127 ta' L.S. 65.11.

6. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat u glied.

7. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorita' jew ta' min ikun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma hallihomx jew fixkilhom waqt li kienu qeghdin jaghmlu d-dmirijiet taghhom.

Akkuzat aktar talli rrenda ruhu recediv skont artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistawx jigu mibdula.

Rat id-dokumenti pprezentati fl-atti processwali.

Rat illi l-imputat, fis-seduta tas-27 ta' April 2023, irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet numru tnejn (2) u erbgha (4) migjuba fil-konfront tieghu.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat, debitament assistit mill-konsulent legali tieghu tenna li huwa hati tal-imputazzjonijiet numru tnejn (2) u erbgha (4) miġjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) ta' l-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghat-tieni (2) u r-raba'(4) akkuza migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba, u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha.
Illi l-imputat rega' tenna ammissjoni ghall-imputazzjonijiet numru tnejn (2) u erbgha (4) migjuba fil-konfront tieghu, u ghaldaqstant fuq l-

ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tat-tieni u r-raba' akkuza migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammess.

**Ikkunsidrat ulterjorment**

Rat illi l-Prosekuzzjoni rrimettiet ruhha rigward l-akkuzi l-ohra li l-imputat ma rregistrax ammissjoni ghalihom, kif ukoll rigward il-piena.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed **tillibera lill-imputat mill-imputazzjoni numru wiehed (1), tlieta (3), hamsa (5), sitta (6) u sebgha (7),** u wara li rat Artikolu 7 u 95 tal-Kapitolu 9 kif ukoll Artikolu 15(1)(a)(2)(3) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta **qed issib lill-imputat Terence Farrugia hati tat-tieni (2) u r-raba' (4) imputazzjoni migjuba kontrih u qed tikkundannah ghal hlas ta' multa ghas-somma ta' elf Euro (€1,000).**

**In oltre ai termini ta' l-Artikolu 15(3) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta qed tiskwalifika lill-ħati Terence Farrugia milli jkollu jew milli jikseb liċenza tas-sewqan għal żmien tmint ijiem millum.**

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
**Magistrat**